REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/960

tal-5 ta' Lulju 2018

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi ta' residwi għal-lambda ċjalotrina f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi ta' residwi (l-MRLs) għal-lambda ċjalotrina ġew stabbiliti fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità") bagħtet opinjoni motivata dwar ir-rieżami tal-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([2]). Wara, l-Awtorità bagħtet il-konklużjoni tagħha dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-lambda ċjalotrina ([3]), li fiha ġew aġġornati l-punti aħħarin analitiċi ta' din is-sustanza. Bi qbil mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tirrevedi l-valutazzjoni tal-lambda ċjalotrina filwaqt li tqis il-punti aħħarin il-ġodda. Fit-2 ta' Diċembru 2015, l-Awtorità bagħtet opinjoni motivata dwar ir-reviżjoni tar-rieżami tal-MRLs eżistenti għal-lambda ċjalotrina ([4]). Id-definizzjoni tar-residwi tal-lambda ċjalotrina tkopri wkoll il-gamma ċjalotrina. Bi qbil mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tirrevedi l-MRLs għal-lambda ċjalotrina filwaqt li tqis ukoll l-użijiet li jista' jkun hemm tal-gamma ċjalotrina. Fis-26 ta' Lulju 2017, l-Awtorità bagħtet opinjoni motivata dwar ir-rieżami ffukat tal-MRLs eżistenti għal-lambda ċjalotrina fid-dawl tad-definizzjoni tar-residwi li mhijiex speċifika ([5]).

(3) L-Awtorità pproponiet li tibdel id-definizzjoni tar-residwi għall-prodotti kollha. Hija identifikat riskju għall-konsumaturi b'rabta mal-MRLs għall-kaboċċi ("kales") u għar-ross. Għalhekk huwa xieraq li jitnaqqsu dawk l-MRLs. L-Awtorità kkonkludiet li ċertu tagħrif ma kienx disponibbli b'rabta mal-MRLs għall-prodotti kollha, u li għalhekk kien hemm bżonn ta' iktar kunsiderazzjoni min-naħa tal-maniġers tar-riskju. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li ma kien hemm l-ebda tagħrif disponibbli b'rabta mal-MRLs għaż-żerriegħa tal-ġirasol, għall-fażola tas-sojja u għat-te u li għalhekk kien hemm bżonn ta' iktar kunsiderazzjoni min-naħa tal-maniġers tar-riskju. Jenħtieġ li l-MRLs għal dawn il-prodotti jiġu stabbiliti fil-limitu speċifiku ta' kwantifikazzjoni jew fl-MRL prestabbilit mogħti fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(4) F'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti li fuqhom mhux awtorizzat l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew limiti massimi tar-residwi fil-Codex (CXLs), jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fil-limitu speċifiku ta' kwantifikazzjoni jew li japplika l-MRL prestabbilit, kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (2014). Opinjoni motivata dwar ir-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi (l-MRLs) eżistenti għal-lambda ċjalotrina skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 imsejħa "Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for lambda-cyhalothrin according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005". EFSA Journal 2014;12(1):3546.

([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (2014). Konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva lambda ċjalotrina msejħa "Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance lambda-cyhalothrin". EFSA Journal 2014;12(5):3677.

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (2015). Opinjoni motivata dwar ir-reviżjoni tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għal-lambda ċjalotrina msejħa "Reasoned opinion on the revision of the review of the existing maximum residue levels for lambda-cyhalothrin". EFSA Journal 2015;13(12):4324.

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (2017). Opinjoni motivata dwar ir-rieżami ffukat tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għal-lambda ċjalotrina fid-dawl tad-definizzjoni tar-residwi li mhijiex speċifika u l-prattiki agrikoli tajbin li jeżistu fil-każ tal-gamma ċjalotrina msejħa "Reasoned opinion on the focused review of the existing maximum residue levels for lambda-cyhalothrin in light of the unspecific residue definition and the existing good agricultural practices for the substance gamma-cyhalothrin". EFSA Journal 2017;15(7):4930.

(5) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għar-residwi tal-pestiċidi dwar il-bżonn li ċertu limiti ta' kwantifikazzjoni jiġu adattati. Għal diversi sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti prodotti bażiċi l-iżvilupp tekniku jeżiġi li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' kwantifikazzjoni.

(6) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, l-emendi x-xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(7) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u tqiesu l-kummenti tagħhom.

(8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat kif xieraq.

(9) Biex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew immanifatturati qabel ma ġew emendati l-MRLs u li l-informazzjoni dwarhom turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(10) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli taż-żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs emendati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-emenda tal-MRLs.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

F'dak li għandu x'jaqsam mas-sustanza attiva tal-lambda ċjalotrina fil-prodotti kollha jew fuqhom, minbarra fil-kaboċċi ("kales") u fir-ross jew fuqhom, għandu jkompli japplika r-Regolament (KE) Nru 396/2005 hekk kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għall-prodotti li kienu mmanifatturati fl-UE jew importati lejha qabel is-26 ta' Jannar 2019.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mis-26 ta' Jannar 2019..

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II tiżdied il-kolonna li ġejja għal-lambda ċjalotrina:

"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi ta' residwi (f'mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Il-lambda ċjalotrina (li tinkludi l-gamma ċjalotrina) (it-total tal-isomeri R,S u S,R) (F)
(1)	(2)	(3)
0100000	**FROTT, FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**	
0110000	**Frott taċ-ċitru**	**0,2 (+)**
0110010	Grejpfrut	
0110020	Lariġ	
0110030	Lumi	
0110040	Xkomp	
0110050	Mandolin	
0110990	Oħrajn (2)	
0120000	**Ġewż tas-siġar**	**0,01** (*) **(+)**
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn (2)	
0130000	**Pomu**	**(+)**
0130010	Tuffieħ	**0,08**
0130020	Laniġas	**0,08**
0130030	Sfarġel	**0,2**
0130040	Naspli	**0,2**
0130050	Naspli tal-Ġappun	**0,2**
0130990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)

(1)	(2)	(3)
0140000	**Frott tal-għadma**	
0140010	Berquq	**0,15** (+)
0140020	Ċiras (ħelu)	**0,3** (+)
0140030	Ħawħ	**0,15** (+)
0140040	Għanbaqar	**0,2** (+)
0140990	Oħrajn (2)	**0,01** (*) (+)
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**	(+)
0151000	(a) *għeneb*	
0151010	Għeneb tal-mejda	**0,08**
0151020	Għeneb għall-inbid	**0,2**
0152000	(b) *frawli*	**0,2**
0153000	(c) *frott tal-kannamiela*	**0,2**
0153010	Tut	
0153020	Tut salvaġġ	
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	
0153990	Oħrajn (2)	
0154000	(d) *frott żgħir u kukku oħrajn*	
0154010	Mirtill	**0,2**
0154020	Cranberries	**0,2**
0154030	Ribes (abjad, aħmar u iswed)	**0,2**
0154040	Ribes bix-xewk (aħdar, aħmar u isfar)	**0,2**
0154050	Warda Skoċċiża	**0,2**
0154060	Ċawsli (abjad u iswed)	**0,2**
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	**0,2**
0154080	Frott tas-sebuqa	**0,2**
0154990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0160000	**Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:**	
0161000	(a) *b'qoxra li tittiekel*	(+)
0161010	Tamal	**0,01** (*)
0161020	Tin	**0,01** (*)
0161030	Żebbuġ tal-mejda	**1**
0161040	Larinġ tal-qsari	**0,01** (*)
0161050	Karambola	**0,01** (*)
0161060	Kaki	**0,09**
0161070	Għanbaqar ta' Ġava	**0,01** (*)
0161990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0162000	(b) *b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir*	**(+)**
0162010	Frott tal-kiwi (aħdar, aħmar u isfar)	**0,05**
0162020	Liċċi	**0,01** (*)
0162030	Frott tal-passjoni	**0,01** (*)
0162040	Bajtar tax-xewk	**0,01** (*)

(1)	(2)	(3)
0162050	Tuffieħ stilla	**0,01** (*)
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja	**0,01** (*)
0162990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0163000	(c) *b'qoxra li ma tittikilx, u kbir*	(+)
0163010	Avokado	**0,01** (*)
0163020	Banana	**0,15**
0163030	Mango	**0,2**
0163040	Papaja	**0,01** (*)
0163050	Rummien	**0,01** (*)
0163060	Ċerimoja	**0,01** (*)
0163070	Gwava	**0,01** (*)
0163080	Ananas	**0,01** (*)
0163090	Frott tas-siġra tal-ħobż	**0,01** (*)
0163100	Durian	**0,01** (*)
0163110	Frott tal-annona	**0,01** (*)
0163990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**	(+)
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**	
0211000	(a) *patata*	**0,01** (*)
0212000	(b) *ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi*	**0,01** (*)
0212010	Għeruq tal-kassava	
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jammijiet	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn (2)	
0213000	(c) *ħxejjex oħrajn tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa*	
0213010	Pitravi	**0,04**
0213020	Zunnarija	**0,04**
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	**0,07**
0213040	Għeruq tal-mustarda	**0,04**
0213050	Artiċokks	**0,04**
0213060	Zunnarija bajda	**0,04**
0213070	Tursin ta' Hamburg	**0,04**
0213080	Ravanell	**0,15**
0213090	Leħjet il-bodbod	**0,04**
0213100	Swedes	**0,04**
0213110	Lift	**0,04**
0213990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	**0,2**
0220010	Tewm	
0220020	Basal	
0220030	Xalotti	
0220040	Basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	
0220990	Oħrajn (2)	

(1)	(2)	(3)
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	
0231000	(a) *Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae *u tal-familja tal-*Malvaceae	
0231010	Tadam	**0,07**
0231020	Bżar ħelu	**0,1**
0231030	Brunġiel	**0,3**
0231040	Bamja	**0,3**
0231990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0232000	(b) *kukurbiti b'qoxra li tittiekel*	
0232010	Ħjar	**0,05**
0232020	Ħjar tal-pikles	**0,15**
0232030	Zukkini	**0,15**
0232990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0233000	(c) *kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx*	**0,06**
0233010	Bettieħ	
0233020	Qara' aħmar	
0233030	Dulliegħ	
0233990	Oħrajn (2)	
0234000	(d) *qamħirrum ħelu*	**0,05**
0239000	(e) *ħxejjex tal-frott oħrajn*	**0,01** (*)
0240000	**Ħxejjex tal-brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**	
0241000	(a) *brassika li tagħmel il-fjuri*	**0,1**
0241010	Brokkli	
0241020	Pastard	
0241990	Oħrajn (2)	
0242000	(b) *kaboċċi kkapoċċati*	
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	**0,04**
0242020	Kaboċċi kkapoċċati	**0,15**
0242990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0243000	(c) *brassika bil-weraq*	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	**0,3**
0243020	Kaboċċi ("kales")	**0,01** (*)
0243990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0244000	(d) *ġdur*	**0,01** (*)
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	
0251000	(a) *ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata*	
0251010	Ħass tal-ħaruf	**1,5**
0251020	Ħass	**0,15**
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	**0,07**
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	**0,7**
0251050	Krexxuni tal-art	**0,7**

(1)	(2)	(3)
0251060	Aruka	**0,7**
0251070	Mustarda ħamra	**0,01** (*)
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	**0,7**
0251990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0252000	(b) *spinaċi u weraq simili*	
0252010	Spinaċi	**0,6**
0252020	Burdlieq	**0,01** (*)
0252030	Weraq tas-selq	**0,2**
0252990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0253000	(c) *weraq tad-dwieli u speċijiet simili*	**0,01** (*)
0254000	(d) *krexxuni*	**0,01** (*)
0255000	(e) *ċikwejra*	**0,01** (*)
0256000	(f) *ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu*	**0,7**
0256010	Maxxita	
0256020	Kurrat salvaġġ	
0256030	Weraq tal-karfus	
0256040	Tursin	
0256050	Salvja	
0256060	Klin	
0256070	Timu	
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu	
0256090	Weraq tar-rand	
0256100	Stregun	
0256990	Oħrajn (2)	
0260000	**Legumi**	
0260010	Fażola (bl-imżiewed)	**0,4**
0260020	Fażola (bla mżiewed)	**0,2**
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)	**0,2**
0260040	Piżelli (bla mżiewed)	**0,2**
0260050	Għads	**0,2**
0260990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	
0270010	Spraġ	**0,02**
0270020	Kardun	**0,01** (*)
0270030	Krafes	**0,03**
0270040	Bużbież ta' Firenze	**0,2**
0270050	Qaqoċċ	**0,15**
0270060	Kurrat	**0,07**
0270070	Rabarbru	**0,01** (*)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambù	**0,01** (*)
0270090	Qlub tal-palm	**0,01** (*)
0270990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)

(1)	(2)	(3)
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	
0280010	Faqqiegħ ikkultivat	**0,01** (*)
0280020	Faqqiegħ salvaġġ	**0,5**
0280990	Ħażiż u likeni	**0,01** (*)
0290000	**Algi u organiżmi prokarjoti**	**0,01** (*)
0300000	**BUS U ĦEMES**	**0,05 (+)**
0300010	Fażola	
0300020	Għads	
0300030	Piżelli	
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	
0300990	Oħrajn (2)	
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	(+)
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**	
0401010	Żerriegħa tal-kittien	**0,2**
0401020	Karawett	**0,2**
0401030	Żerriegħa tal-peprin	**0,2**
0401040	Ġulġlien	**0,2**
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	**0,01** (*)
0401060	Żerriegħa tal-lift	**0,2**
0401070	Fażola tas-sojja	**0,01** (*)
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	**0,2**
0401090	Żerriegħa tal-qoton	**0,2**
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	**0,2**
0401110	Żerriegħa tal-għosfor	**0,2**
0401120	Żerriegħa tal-fidloqqom	**0,2**
0401130	Żerriegħa tal-*camelina sativa*	**0,2**
0401140	Qannebusa	**0,2**
0401150	Fażola tar-riġnu	**0,2**
0401990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0402000	**Frott taż-żejt**	
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt	**0,5**
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	**0,01** (*)
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	**0,01** (*)
0402040	Kapok	**0,01** (*)
0402990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0500000	**ĊEREALI**	(+)
0500010	Xgħir	**0,5**
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	**0,01** (*)
0500030	Qamħirrum	**0,02**
0500040	Millieġ komuni	**0,01** (*)
0500050	Ħafur	**0,3**
0500060	Ross	**0,01** (*)
0500070	Segala	**0,01** (*)

(1)	(2)	(3)
0500080	Sorgu	**0,01** (*)
0500090	Qamħ	**0,05**
0500990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**	**0,01** (*) **(+)**
0610000	**Tejiet**	
0620000	**Kafeni**	
0630000	**Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:**	
0631000	(a) *mill-fjuri*	
0631010	Kamumella	
0631020	Ibisku	
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn (2)	
0632000	(b) *mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi*	
0632010	Frawli	
0632020	Rooibos	
0632030	Matè/te tal-Paragwaj	
0632990	Oħrajn (2)	
0633000	(c) *mill-għeruq*	
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn (2)	
0639000	(d) *minn kull parti oħra tal-pjanta*	
0640000	**Żerriegħa tal-kawkaw**	
0650000	**Ħarrub**	
0700000	**ĦOPS**	**10 (+)**
0800000	**ĦWAWAR**	(+)
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	**0,01** (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Kemmun iswed	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	
0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn (2)	

(1)	(2)	(3)
0820000	**Ħwawar tal-frott**	
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	**0,03**
0820020	Bżar tas-Sichuan	**0,03**
0820030	Karwija	**0,03**
0820040	Kardamomu	**2**
0820050	Frott tal-ġnibru	**0,03**
0820060	Boċċi tal-bżar (bojod, ħodor u suwed)	**0,03**
0820070	Vanilja	**0,03**
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi	**0,03**
0820990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	**0,01** (*)
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn (2)	
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**	
0840010	Għud is-sus	**0,05**
0840020	Ġinġer (10)	**0,05 (+)**
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	**0,05**
0840040	Għerq tal-mustarda (11)	**(+)**
0840990	Oħrajn (2)	**0,05**
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	**0,01** (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn (2)	
0860000	**Il-ħwawar ta' qalb il-fjura**	**0,01** (*)
0860010	Żagħfran	
0860990	Oħrajn (2)	
0870000	**Ħwawar tal-aril**	**0,01** (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn (2)	
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	(+)
0900010	Pitravi ħelu	**0,01** (*)
0900020	Kannamieli	**0,05**
0900030	Għeruq taċ-ċikwejra	**0,01** (*)
0900990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI**	(+)
1010000	**Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:**	
1011000	(a) *mill-ħnieżer*	
1011010	Muskoli	**0,15**
1011020	Xaħam	**3**
1011030	Fwied	**0,05**

(1)	(2)	(3)
1011040	Kliewi	**0,2**
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**3**
1011990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
1012000	(b) *mill-annimali bovini*	
1012010	Muskoli	**0,02**
1012020	Xaħam	**3**
1012030	Fwied	**0,05**
1012040	Kliewi	**0,2**
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**3**
1012990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
1013000	(c) *min-nagħaġ*	
1013010	Muskoli	**0,02**
1013020	Xaħam	**3**
1013030	Fwied	**0,05**
1013040	Kliewi	**0,2**
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**3**
1013990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
1014000	(d) *mill-mogħoż*	
1014010	Muskoli	**0,15**
1014020	Xaħam	**3**
1014030	Fwied	**0,05**
1014040	Kliewi	**0,2**
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**3**
1014990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
1015000	(e) *mill-ekwini*	
1015010	Muskoli	**0,02**
1015020	Xaħam	**3**
1015030	Fwied	**0,05**
1015040	Kliewi	**0,2**
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**3**
1015990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
1016000	(f) *mill-pollam*	**0,01** (*)
1016010	Muskoli	
1016020	Xaħam	
1016030	Fwied	
1016040	Kliewi	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1016990	Oħrajn (2)	
1017000	(g) *minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn*	
1017010	Muskoli	**0,02**
1017020	Xaħam	**3**
1017030	Fwied	**0,05**

(1)	(2)	(3)
1017040	Kliewi	**0,2**
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**3**
1017990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
1020000	**Ħalib**	**0,02**
1020010	Bhejjem tal-ifrat	
1020020	Nagħaġ	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajn (2)	
1030000	**Bajd tal-għasafar**	**0,01** (*)
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wiżż	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn (2)	
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**	**0,05** (*)
1050000	**Anfibji u rettili**	**0,01** (*)
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	**0,01** (*)
1070000	**Annimali terrestri vertebrati slavaġ**	**0,01** (*)
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**	
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**	
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**	

(*) Limitu tal-kwantifikazzjoni analitika

(**) Kombinazzjoni tal-kodiċi tal-pestiċida li għaliha japplika l-MRL stabbilit fil-Parti B tal-Anness III.

([a]) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

(F) = Idub fix-xaħam

Il-lambda ċjalotrina (li tinkludi l-gamma ċjalotrina) (it-total tal-isomeri R,S u S,R) (F)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) u dwar l-istabbiltà waqt il-ħażna mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0110000 Frott taċ-ċitru

0110010 Grejpfrut

0110020 Larinġ

0110030 Lumi

0110040 Xkomp

0110050 Mandolin

0110990 Oħrajn (2)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0120000 Ġewż tas-siġar

0120010 Lewż

0120020 Ġewż tal-Brażil

0120030 Ġewż tal-anakardju

0120040 Qastan

0120050 Ġewż tal-Indi

0120060 Ġellewż

0120070 Macadamia

0120080 Ġewż Amerikan

0120090 Qlub tal-ġewż tal-arżnu

0120100 Pistaċċi

0120110 Ġewż

0120990 Oħrajn (2)

0130000 Pomu

0130010 Tuffieħ

0130020 Lanġas

0130030 Sfarġel

0130040 Naspli

0130050 Naspli tal-Ġappun

0130990 Oħrajn (2)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) u dwar il-provi tar-residwi mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0140010 Berquq

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0140020 Ċiras (ħelu)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) u dwar il-provi tar-residwi mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0140030 Ħawħ

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0140040 Għanbaqar

0140990 Oħrajn (2)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia u XI) u dwar l-istabbiltà waqt il-ħażna mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0150000 Kukku u frott żgħir ieħor

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) u dwar l-istabbiltà waqt il-ħażna mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0151000 (a) għeneb

0151010 Għeneb tal-mejda

0151020 Għeneb għall-inbid

0152000 (b) frawli

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton), dwar il-provi tar-residwi u dwar l-istabbiltà waqt il-ħażna mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0153000 (c) frott tal-kannamiela

0153010 Tut

0153020 Tut salvaġġ

0153030 Lampun (aħmar u isfar)

0153990 Oħrajn (2)

0154000 (d) frott żgħir u kukku oħrajn

0154010 Mirtill

0154020 Cranberries

0154030 Ribes (abjad, aħmar u iswed)

0154040 Ribes bix-xewk (aħdar, aħmar u isfar)

0154050 Warda Skoċċiża

0154060 Ċawsli (abjad u iswed)

0154070 Għanżalor/naspli tal-Mediterran

0154080 Frott tas-sebuqa

0154990 Oħrajn (2)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0161000 (a) b'qoxra li tittiekel

0161010 Tamal

0161020 Tin

0161030 Żebbuġ tal-mejda

0161040 Larinġ tal-qsari

0161050 Karambola

0161060 Kaki

0161070 Għanbaqar ta' Ġava

0161990 Oħrajn (2)

0162000 (b) b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir

0162010 Frott tal-kiwi (aħdar, aħmar u isfar)

0162020 Liċċi

0162030 Frott tal-passjoni

0162040 Bajtar tax-xewk

0162050 Tuffieħ stilla

0162060 Frott tal-kaki tal-Virġinja

0162990 Oħrajn (2)

0163000 (c) b'qoxra li ma tittikilx, u kbir

0163010 Avokado

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) u dwar il-provi tar-residwi mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0163020 Banana

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar ċerti metaboliti li jiġu ffurmati meta jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-isterilizzazzjoni (jiġifieri l-komposti Ia, IV u l-gamma-latton) mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-6 ta' Lulju 2020 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0163030 Mango

0163040 Papaja

0163050 Rummien

0163060 Ċerimoja

0163070 Gwava

0163080 Ananas

0163090 Frott tas-siġra tal-ħobż

0163100 Durian

0163110 Frott tal-annona

0163990 Oħrajn (2)

0200000 ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT

0210000 Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi

0211000 (a) patata

0212000 (b) ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi

0212010 Għeruq tal-kassava

0212020 Patata ħelwa

0212030 Jammijiet

0212040 Ararut

0212990 Oħrajn (2)

0213000 (c) ħxejjex oħrajn tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa

0213010 Pitravi

0213020 Zunnarija

0213030 Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi

0213040 Għeruq tal-mustarda

0213050 Artiċokks

0213060 Zunnarija bajda

0213070 Tursin ta' Hamburg

0213080 Ravanell

0213090 Leħjet il-bodbod

0213100 Swedes

0213110 Lift

0213990 Oħrajn (2)

0220000 Ħxejjex tal-basla

0220010 Tewm

